**4 ta' Lulju, 1964.**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D**

*Joseph Frendo*

*versus*

*John Borg*

**Inkompetenza "ratione materiae" — Kummerċjant — Att tal-kummerċ — Art. 5 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Il-kwalità ta' kummerċjant tista' teżisti f'persuna illi tkun tagħmel xogħol ieħor ukoll u illi ma jagħtihiex dina l-kwalità, u jikkwalifika bħala kummerċjant min jagħmel atti ta' kummerċ anke jekk, imħabba xi pożizzjoni tiegħu, mhux suppost jagħmel atti simili.*

*Il-lista ta' atti oġġettivi tal-kummerċ fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Kummerċ m'hijiex tassattiva.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni — l-konvenut jiġi kkundannat iħallsu s-som-

ma ta mitejn u tlieta u għoxrin lira u tlettax-il xelin (£223.13.0d), bilanċ minn seba' mija tlieta u ħamsin lira u tlettax-il xelin (£753.13.0d), prezz ta' xogħol ta' formazzjoni, livellar u asfaltar ta' triq privata, fil-Magħtab, limiti tal-Għargħur, li, b'inkariku u fl-interess tal-konvenut, huwa għamel — kompriż fl-imsemmi prezz l-ispiża tal-kiri tar-romblu użat fl-imsemmi xogħol, ta' tnejn u għoxrin (22) xkora cement u żewġ kanen tal-ilma kif spjegat fid-dikjarazzjoni. Bl-imgħaxijiet kummerċjali mil-erbatax (14) ta' April 1964 u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-erbatax (14) ta' April 1964;

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha, in linea preliminari qal li dina l-Qorti hija nkompetenti "ratione materiae", u, bla preġudizzju u fil-meritu, qal li m'għandu jagħti xejn lill-attur għaliex il-prezz tax-xogħol ma kellux jeċċedi ħames mitt lira (£500) li hu ġa ħallas u inoltre l-attur għandu ma kkompletax ix-xogħol u ma jistax jippretendi l-intier, u fl-istess ħin irriserva kull dritt tiegħu kontra l-attur għaliex ma għamilx ix-xogħol skond is-sengħa;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Illi d-deċiżjoni preżenti trid neċessarjament tirrigwarda l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza sollevata mill-konvenut, billi l-Qorti tkun tista' biss tidħol fil-meritu kemm-il darba dan jidħol fil-kompetenza tagħha;

Illi mix-xhieda tal-konvenut jirriżulta li hu kommerċjant u jirriżulta wkoll li x-xogħol in kwistjoni minnu kommess lill-attur jirrigwarda u hu preordinat għall-formazzjoni ta' azjenda, ġa fl-istudju sperimentali tagħha, li tikkwalifika bħala impriża b'mod li l-att in kwistjoni hu att tal-kummerċ: dina l-Qorti hija

għalhekk kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża preżenti;

Illi dwar il-kwalità ta' kommerċjant tal-konvenut, hu veru li hu qal li hu mpjegat fin-negozju ta' missieru però hu qal ukoll li jinnegozja f'ismu; issa hu evidenti li l-kwalità ta' kommerċjant tista' teżisti f'persuna li tkun tagħmel xogħol ieħor ukoll u li ma' jagħtihiex dina l-kwalità, u jikkwalifika bħala kommerċjant min jagħmel atti ta' kummerċ anke jekk, imħabba xi pożizzjoni tiegħu, mhux suppost li jagħmel atti simili. Il-kliem tal-konvenut "*jiena* **wkoll ninnegozja f'ismi**" preċiż wara l-kliem l-ieħor "jiena mpjegat ma missieri fin-negozju tiegħu" ma jħallux dubju fuq il-kontinwità u frekwenza tal-atti li hu jagħmel f'ismu stess, u ma jistax inaqqas minn dana l-argoment u riżultat il-fatt li, skond ma qal il-konvenut, hu kkwalifika ruħu bħala mpjegat fil-kuntratt ta' l-akkwist tal-art *(li fuqha sar ix-xogħol in kwistjoni) speċjalment meta wieħed* jikkonsidra li hu stess jgħid ukoll li l-art akkwistaha biex fuqha jifforma u jmexxi l-azjenda preċitata flimkien ma' ħuh li però ma deherx fuq l-att tal-akkwist;

Illi dwar in-natura ta' dina l-azjenda (apparti l-iskop li għaliha ttieħdet l-art u l-kwalità ta' kommerċjant fil-konvenut qabel l-akkwist, li taħt dana l-aspett jista' jissejjaħ att soġġettiv tal-kummerċ) hu magħruf li l-lista ta' atti oġġettivi tal-kummerċ fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Kummerċ m'hijiex tassativa: dan jesiġieh il-progress kontinwu u l-varjetà konsegwenti *f'dik li hija attività* kummerċjali u l-istess jingħad għal dawk l-impriżi msemmija taħt l-ittra "g" ta' dak l-Artikolu b'mod li azjenda agrikola, tradizzjonalment ta' natura Ċivili, tista' takkwista l-impronta kummerċjali meta tiġi mqegħda fuq bażi ta' impriża, kif hija dik mibdija mill-konvenut għalkemm sal-lum għadha f'miżuri modesti ("unit" wieħed mit-tmienja *li jridu jsiru) billi*, apparti *l-iskop ta' profitt dikjarat mill-konvenut* jikkonkorru l-elementi tax-xogħol u tal-kapital kif ukoll tar-riskju; biex jiġi hekk ritenut biżżejjed li jkun hemm dik l-

*u fin-natura ta' parir illi jkun altrimenti qiegħed jintalab fil-Qorti, u jsir huwa stess attwali għax rigwardanti fatti illi jkunu gravo bejn il-kontendenti.*

Il-Qorti rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi wara li ppretew li kull meta tiġi l-merkanzija tagħhom jew ta' xi wħud minnhom il-konvenut nomine jippretendi li għandu jimpjega "delivery clerks" biex jiċċekkjaw il-kwantità tal-merkanzija u dana a spejjeż tagħhom (i.e. tal-atturi) u li huma dejjem insinifikawlu li huma ma għandhomx bżonn l-opera ta' dawn id-"delivery clerks" għaliex huma għandhom ir-rappreżentant tagħhom u għalhekk *ma għandhomx* iħallsu dina l-ispiża, u li nonostante dana l-konvenut nomine baqa' iżommilhom il-flus ta' dawn id-"delivery clerks" għax isostni li l-opra tagħhom hija neċessarja u a spejjeż *tal-atturi; talbu li — premessi* d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — jiġi dikjarat u deċiż minn dina l-Qorti illi jekk dawna d-delivery clerks *jiġu mpjegati mill-konvenut nomine* f'xogħol simili u kontra l-volontà tal-atturi nomine, dawna ma jkunu ta' ebda vantaġġ u assistenza għall-istess atturi; u konsegwentement ma għandhomx iħallsuhom huma.

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha qal li t-talba tal-atturi tikkonsisti biss f'dikjarazzjoni rigward każ *ipotetiku* u għalhekk *hi ritwalment nulla; bla preġudizzju* qal li t-talba attriċi hija infondata fil-meritu peress li hu neċessarju li hu jinkariga "delivery clerks" sabiex jikkonsenja l-injam lill-atturi;

Omissis.

Ikkunsidrat fuq l-istess eċċezzjoni preliminari:—

Illi hu prinċipju f'materja ta' proċedura li l-attur ried ikollu interess attwali u mhux sempliċement ipotetika biex hu-

analoġija li jiġġustifika l-estensjoni tal-kategorija u s-sens lat li kwindi jingħata lil xi waħda minn dawk *imsemmija* speċifikament, per eżempju dik ta' "manifatturi", u meta, bħal filkaż preżenti, jkun involut xi att oġġettiv tal-kummerċ (kif inhu dwar ix-xiri tal-ħieles bl-idea li jinbiegħu huma stess, jekk u meta ma jipproduċux iżjed bajd) billi allura l-karatteristika kommerċjali tal-azjenda tispikka iżjed u din tikkomunika ruħha lill-atti konnessi għall-iskop prefiss tal-azjenda stess, kif huwa x-xogħol in kwistjoni;

Għal dawn il-motivi:—

Tiċħad l-eċċezzjoni *tal-inkompetenza* sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu......Omissis.